MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 556/2000/1

**Transfreight Limited**

**vs**

**Mark Pirotta ezercenti il-kummerc taht l-isem ta' MP Contractors**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, bhala *forwarding and general freight agent* pprestat lill-istess socjeta' konvenuta diversi sevizzi;

Illi l-hlas ta’ dawn is-sevizzzi jammonta ghal elf seba’ mija u disgha u hamsin lira Maltija u sbatax il-centezmu (Lm1,759.17);

Illi ghalkemm is-socjeta’ attrici interpellat lis-socjeta’ konvenuta diversi drabi, anke permezz ta’ ittra ufficcjali tat-12 ta’ Ottubru, 1999, l-istess socjeta’ konvenuta baqghet inadempienti;

Illi l-ammont imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti ghat-talbiet attrici;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta, ghar-raguniet premessi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportune, tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:-

1 tghaddi biex taqta’ u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta’ l-artikoli 167 sa 171 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

2 tikkundannaha thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’elf seba’ mija u disgha u hamsin lira Maltija u sbatax il-centezmi (LM1,759.17) dovut kif inghad hawn fuq, flimkien ma’ l-imghaxijiet legali dekorribbli sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tat-12 ta’ Ottubru 1999 konta s-socjeta’ konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-affidavit presentat mac-citazzjoni mis-socjeta’ attrici;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Mejju 2000 li bih giet awtrizzata korrezzjoni fl-isem tal-konvenuti u cioe l-isem tas-socjeta konvenuta gie sostitwit bil-kliem ‘Mark Pirotta esercenti l-kummerc that l-isem MP Contractors’;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Mark Pirotta fejn gie eccepit :-

1 Preliminarjament il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2147(d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2 Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzu ghall-premess it-talbiet tas-socjeta’ attrici ghandhom jigu respinti stante li huma infondati kemm fattwalment u kif ukoll legalment kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta dan il-kaz;

3 Illi s-socjeta’ attrici kienet agixxiet b’mod negligenti fl-inkariku lilha moghti bil-konsegwenza li l-eccipjent sofra danni u hallas spejjez u taxxa zejda inutilment kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh ta’ dan il-kaz liema danni kif likwidati fil-provi li ser jigu prdotti u taxxa zejda mhallsa minnu inutilment ghandhom se mai jitnaqqsu mill-ammont reklamat mis-scojeta attrici;

4 Illi inoltre l-istess ammont rekalmat ma hux korrett stante li s-socjeta’ attrici naqset li tinkludi diversi credit notes li hija stess kienet tat lill-konvenut kif ser jirrizulta ahjar mill-korrispondenza skambjata;

5 Illi inoltre l-ammont reklamat ghandu jonqos ukoll in vista tal-fatt illi s-socjeta’ attrici ma espletatax l-inkariku lilha moghti assunt u kif ukoll ghaliex l-ammont mitlub jinkludi drittijiet u spejjes ta’ volum li ma kienx kopert b’merkanzija;

Bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici u l-istess socjeta’ kif ukoll id-dirigenti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta attrici u lil-konvenut;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2001 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Ikkonsidrat:

Bil-presenti qed tigi deciza l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut rigwardanti l-preskrizzjoni. Il-konvenut issottometta li l-azzjoni odjerna hi preskritta ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 2147(d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi li l-azzjonijiet tal-vetturali bl-art jew bil-bahar ghall-hlas tal-kirijiet taghhom jaqghu bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' sena;

Is-socjeta attrici fic-citazzjoni tallega, li fuq l-inkariku tal-konvenut, ipprestat, diversi drabi, servizzi konnessi ma "forwarding and general freight agent" u ghal dawn is-servizzi ghad ghandha tiehu s-somma ta' elf seba' mija u disgha u hamsin lira maltija u sbatax il-centezmu (Lm1,759.17). Is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma;

Mid-dokument MP1 (fol.32) jirrizulta li l-ammont li qed jintalab hu bilanc ta' somma akbar u l-ahhar servizz jidher li gie pprestat fil-5 ta' Jannar 1999. B'ittra ufficjali tat-12 ta Ottubru 1999 is-socjeta attrici interpellat lill-socjeta inesistenti, cioe MP Contractors Limited, biex thallas dan l-ammont. Hu ovvju li l-imsemmija socjeta inesistenti giet interpellata hazin stante li kellu jigi interpellat il-konvenut Mark Pirotta, li jinnegozja taht l-isem MP Contractors. In effett anke din il-kawza originartjament saret kontra l-imsemmija socjeta inesistenti u kien biss fil-mori tal-kawza li gie koncess li ssir korrezzjoni fl-isem tal-konvenut li issa gie jaqra "Mark Pirotta esercenti l-kummerc taht l-isem MP Contractors". Jidher li minn meta kien dovut l-ammont in

kwestjoni sakhemm il-konvenut giet interpellat regolarment biex ihallas dan l-ammont ghaddiet aktar minn sena. Dana qed jinghad b'referenza ghall-imsemmija provedimenti tal-artikoli 2147(d);

F'dan il-kaz mhux applikabbli l-provedimenti tal-artikolu 2129 tal-istess Kapitolu 16. Dan l-artikolu jipprovdi li l-preskrizzjoni tinkisser anke jekk l-att gudizzjarju li jkun sar ikun null minhabba xi difett jew vizzju ta' forma jew ikun gie presentat quddiem qorti li mhux kompetenti. Hawnhekk si tratta ta' isem hazin jew inesistenti ta' minn gie interpellat ihallas. Dan hu vizju ta' sustanza u zgur li ma jistax jitqies bhala difett ta' forma;

Jirrizulta pero' li l-konvenut Mark Pirotta, f'isem MP Contractors, irrisponda ghall-imsemmija ittra ufficjali tat-12 ta' Ottubru 1999 u dan permezz ta' ittra ufficjali ohra li giet presentata fil-25 ta' Ottubru 1999. Fdan l-att responsiv il-konvenut jghamel referenza ghall-imsemmija ittra uficjali tat-12 ta' Ottubru 1999 u nonostante li din l-ittra ufficjali intbghatet lis-socjeta' "MP Contractors Limited" l-istess konvenut irrispondqa f'ismu propju u f'isem id-ditta MP Contractors. F'din l-ittra responsiva l-konvenut ma jghamel ebda accenn ghall-fatt li s-socjeta li kienet qed tigi interpellata fil-fatt ma tesistiex izda jirrespingi bhala infondati il-pretensjonijiet kontenuti fl-ittra ufficjali tat-12 ta' Ottubru 1999 u dana stante, kif jghid hu, li l-ammont mitlub hu eccessiv kif ukoll ghaliex ma giex rez is-servizz rikjest;

Hawnhekk trid issir referenza ghall-provedimenti tal-artikolu 2133 tal-istess Kapitolu 16. Dawn jipprovdu li l-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jgharaf id-dritt tal-kreditur tieghu. Fl-opinjoni tal-Qorti l-kontenut tal-ittra ufficjali responsiva jgharraf in parti l-kreditu in kwestjoni u dana in vista tal-usu tal-kelma "eccessiv". Fl-ewwel lok ir-risposta saret minn min effettivament kien semmai responsabbli ghal-hlas in kwestjoni u fit-tieni lok gie accettat li parti mill-ammont mitlub hi effettivament dovuta. Il-kelma "eccessiv" fiha nnifisha tindika li parti mill-ammont

reklamat hi difatti dovuta u in parte biss tmur oltre dak li hu effettivament dovut;

In vista tal-premess jirrizulta sufficjentement li d-debitur proprja interrompa il-preskrizzjoni bl-imsemmija ittra ufficjali responsiva stante li huwa in parte rrikonoxxa l-kreditu reklamat mis-socjeta attrici. Peress li ghalhekk it-terminu li trid il-ligi gie interrot din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-konvernut ma tistax tigi akkolta;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi blli tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut rigwardanti l-preskrizzjoni ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 2147(d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-kawza qed tigi differita gfhall-kontinwazzjoni ghas-seduta tal-

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------